

Paġna ewlenija>Reġistri - kummerċjali, dwar l-insolvenza u tal-artijiet>Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE
Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Belġju

Din it-taqsimha tagħti ħarsa lejn ir-reġistru Belġjan tal-kummerċ.

X'joffri r-reġistru Belġjan tal-kummerċ?

Ir-reġistru Belġjan tal-kummerċ, il-Bażi tad-Dejta tal-Hub tal-Kummerċ (*Banque-Carrefour des Entreprises* (BĊE) bil-Franċiż, *Kruispuntbank van Ondernemingen* (KBO) bl-Netherlandiż) huwa miżmum minn uffiċċju **fid-Dipartiment Federali tal-Ekonomija**. Ir-reġistru n'ħoloq sabiex jissimplifika l-amministrazzjoni u jipprovdi mezz biex jiġu identifikati negozji b'mod mhux ambigwu. Il-bażi tad-dejta tkopri l-impriżi kollha, u l-liġi teħtieġ li l-impriżi kollha jirreġistraw. Telenka wkoll l-istabbilimenti tan-negozji (jew "l-unitajiet ta' stabbiliment"): dawn huma l-indirizzi fejn - jew minn fejn - in-negozju jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Il-bażi tad-dejta tipprovdi wkoll links għal bażijiet tad-dejta oħrajn. Tkopri mhux biss negozji iżda anke persuni ġuridiċi oħrajn. Il-kummerċjanti waħdiena, il-korpi pubbliċi, u f'xi każijiet in-negozji barranin, huma kollha inklużi.

L-aċċess għar-reġistru tal-kummerċ huwa bla ħlas?

Kulħadd jista' jikkonsulta d-dejta pubblika dwar in-negozji bla ħlas billi juża l-funzjoni "Public Search" onlajn.

Il-magna tat-tiftix tagħmilha possibbli li wieħed ifittex għal negozji jew stabbilimenti billi juża kriterji varji tat-tiftix. Fajl "Open Data" huwa disponibbli wkoll bla ħlas; dan jista' jeġa' jintuża minn kull persuna interessata diment li jirreġistraw. Il-funzjoni "Public Search" tagħmilha possibbli li tinkludi parti kbira mid-dejta pubblika fl-applikazzjonijiet proprji tal-utent. Madankollu, dan is-servizz huwa pprovdut bi ħlas.

Kif nista' nfitex fir-reġistru Belġjan tal-kummerċ?

Il-funzjoni "Public Search" tippermettitek li tfitex dejta dwar in-negozji kollha, kemm jekk ikunu attwalment attivi kif ukoll jekk ikunu waqfu mill-kummerċ, u kemm jekk ikunu persuni ġuridiċi kif ukoll jekk ikunu kummerċjanti waħdiena, u dwar l-istabbilimenti tagħhom.

X'dejta tista' tinstab?

Fil-livell tal-intrapriża:

numru ta' reġistrazzjoni tal-intrapriża

status

sitwazzjoni legali

data tal-bidu

isem

indirizz tal-uffiċċju prinċipali

numru tat-telefon

faks

indirizz elettroniku

sit web

forma ġuridika tal-intrapriża

għadd ta' stabbilimenti

uffiċjali

ħiliet professjonali u għarfien tal-immaniġġjar bażiku li għalih tkun ingħatat evidenza

kwalitajiet

awtorizzazzjonijiet

attivitajiet għall-finijiet ta' VAT u sigurtà soċjali

informazzjoni finanzjarja

links ma' negozji oħrajn

Links esterni (gazzetta uffiċjali ((*Moniteur belge/Belgisch Staatsblad*)),

bank ċentrali (*Banque nationale de Belgique/Nationale Bank van België*),

u r-reġistru tal-impjegati miżmum mill-uffiċċju tas-sigurtà soċjali (*ONSS/RSZ*)

Fil-livell tal-istabbiliment individwali:

numru ta' reġistrazzjoni tal-intrapriża

status

numru tal-istabbiliment

data tal-bidu

isem l-istabbiliment

indirizz

numru tat-telefon

faks

indirizz elettroniku

sit web

awtorizzazzjonijiet

Attivitajiet għal finijiet ta' sigurtà soċjali u attivitajiet kummerċjali u mhux kummerċjali

Kemm hija affidabbli d-dejta fir-reġistru?

Il-kumpaniji huma meħtieġa jiddivulgaw ċerta informazzjoni u dokumenti. Ir-raġuni hija biex b'mod partikulari jiġi żgurat li dawn l-affarijiet ikunu ta' min joqgħod fuqhom f'negozjati ma' partijiet terzi. Fil-Belġju, din l-informazzjoni trid tkun ippubblikata fil-gazzetta uffiċjali; il-kontijiet annwali iridu jiġu ppubblikati permezz tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Karti tal-Bilanċ (*Centrale des bilans/Balanscentrale*) fil-bank ċentrali. L-Artikolu 76 tal-Kodiċi dwar il-Kumpaniji jistabbilixxi r-regoli dwar meta d-dokumenti u l-informazzjoni jkunu ta' min joqgħod fuqhom wara d-divulgazzjoni.

L-Artikolu 76 tal-Kodiċi dwar il-Kumpaniji jistipula li d-dokumenti u l-informazzjoni li għandhom jiġu divulgati għandhom effetti fil-konfront ta' partijiet terzi biss mid-data li fiha jiġu ppubblikati f'forma estratta jew irrapurtati fl-annessi tal-gazzetta uffiċjali, sakemm il-kumpanija ma tkunx tista' tista' turi li dawn il-partijiet terzi kienu konxji ta'għom minn qabel.

Madankollu, il-partijiet terzi jistgħu jiddependu fuq id-dokumenti li ma ġewx ippubblikati.

Jekk tranżazzjoni sseħħ qabel is-16-il jum mid-data ta' pubblikazzjoni, din ma jkollhiex effett fil-konfront tal-partijiet terzi li jistgħu juru li ma kellhomx mod kif ikunu jafu biha.

Fil-każ ta' diskrepanza bejn it-test li jkun ġie rreġistrat u t-test li jkun ġie ppubblikat fl-annessi tal-gazzetta uffiċjali, it-test ippubblikat ma jkunx ta' min joqgħod fuq fil-konfront ta' partijiet terzi. Madankollu, il-partijiet terzi infushom jistgħu jinvokawh, sakemm il-kumpanija ma tkunx tista' turi li fil-fatt kienu konxji tat-test li jkun ġie rreġistrat.

Fil-każ ta' diskrepanza bejn id-dokumenti li jridu jiġu rreġistrati f'lingwa uffiċjali tal-pajjż u traduzzjonijiet f'lingwa/lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jkunu ġew rreġistrati b'mod volontarju, it-traduzzjonijiet ippubblikati b'mod volontarju ma jkunx ta' min joqgħod fuqhom fil-konfront ta' partijiet terzi. Iżda l-partijiet terzi jistgħu jiddependu fuq dawn it-traduzzjonijiet li jkunu ġew ippubblikati b'mod volontarju, sakemm il-kumpanija ma tkunx tista' turi li kienu konxji tal-verzjoni msemmija fl-Artikolu 67(1)(2) tal-Kodiċi dwar il-Kumpaniji, li jirreferi għal kopji ċċertifikati ta' dokumenti awtentiċi, atti privati duplikati jew oriġinali, u dikjarazzjonijiet li jridu jiġu rreġistrati, f'forma elettronika jew le, mar-reġistru tal-qorti tal-kummerċ.

L-informazzjoni dwar imprezzi li jkunu aċċessibbli permezz tal-funzjoni Public Search tinkludi links diretti għall-avviż ippubblikat fil-gazzetta uffiċjali u għall-Uffiċċju Ċentrali tal-Karti tal-Bilanċ tal-bank ċentrali.

Kif tiftex

Din il-link tiegħok għall-funzjoni [Public Search](#):

Hem erba' opzjonijiet ta' tiftix differenti, li huma separati b'tabs:

fittex bin-numru (jekk tkun taf in-numru ta' reġistrazzjoni tal-imprezza jew in-numru tal-istabbiliment)

fittex bl-isem

fittex bl-indirizz

fittex bl-attività

Is-sit tal-internet huwa disponibbli f'erba' lingwi: Inġliż, Netherlandiż, Franċiż u Ġermaniż.

Issib informazzjoni ġenerali dwar il-Bażi tad-Dejta tal-Hub tal-Kummerċ permezz tas-sit web tad-[Dipartiment Federali tal-Ekonomija](#) (fit-taqsim "Enterprises & Self-Employed" (*Entreprises & Indépendants/Ondernemingen & Zelfstandigen*), taft l-intestatura *Banque-Carrefour des Entreprises/Kruispuntbank van Ondernemingen*).

Links relatati

[Ir-Reġistru Ewropew dwar il-Kummerċ](#); [Id-Dipartiment Federali tal-Ġustizzja](#);

[Id-Dipartiment Federali tal-Ekonomija](#), [tal-SMEs](#), [tal-Faddiema għal Rashom u tal-Enerġija](#)

L-aħħar aġġornament: 18/01/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.